MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2107/2002

**SMS Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Duncan Tanti u b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2003 wara l-kliem Duncan Tanti ghandhom jidhlu l-kliem "u l-istess Duncan Tanti"**

**Vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fl-4 ta' Settembru, 2002, fejn intalab l-ammont ta' Lm349.40 (tlett mija disa' u erbghin liri u erbghin centezmi) u b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2003 l-ammont ta' Lm349.40 (tlett mija, disa' u erbghin lira u erbghin centezmu) gie mibdul ghal Lm199.74 (mija disgha u disghin lira u erbgha u sebghin centezmu) rizultanti**

**minn incident awtomobilistiku li sehh f'Mosta nhar il-1 ta' Awissu, 2001 meta waqt il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura LAC 424 habat mall-vettura DJT 236 misjuqa minn Duncan Tanti, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fit-18 ta' Settembru, 2002 fejn intqal illi l-azzjoni attrici hija irrita u nulla ghaliex il-konvenut ma giex notifikat b'kopja tal-atti ta' surroga ta' drittijiet kif huwa rikjest mill-ligi.**

**Subbordinatament, u minghajr regiudizzju ghall-premess, li l-konvenut ma hux b'ebda mod responsabbli ghal dak li qed jallegaw s-socjetajiet attrici u Duncan tanti. Tant hu hekk li il-konvenut ma habatx bil-vettura tieghu mal-vettura ta' Duncan Tanti; u lanqas dan ta' l-ahhar ma habat bil-vettura tieghu mal-vettura tal-konvenut. Effettivament iz-zewg vetturi ma missewx lil xulxin. Jekk il-vettura ta' Tanti sofriet xi hsara, l-istess Tanti jaf kif avverat ruhha, u huwa biss responsabbli ghal-konsegwenzi tieghu, specjalment ghall-velocita' li biha kien qed isuq.**

**It-talba ghandha tigi michuda b' lis-spejjez.**

**Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ra s-sentenza preliminari tieghu datata 7 ta' Novembru, 2002.**

**Ikkonsidera**

**Illi jirrizulta li l-kollizzjoni in ezami ssuccediet fil-vicinanzi ta' T-Junction.**

**Duncan Tanti – l-attur – jallega li l-vettura misjuqa mill-konvenut harget mit-triq perpendikulari. Huwa kien fit-transversali. Biex jevitah, ibbrejkja u baqa' diehel go vettura li kienet wieqfa.**

**Illi t-Tribunal irid jezamina l-mekkanika tal-incident. L-atturi jallegaw li kien tort tal-konvenut – x'kien l-involviment tieghu?**

**Illi l-konvenut jistqarr li huwa hareg minn dik it-triq partikolari cioe' Triq Salvino Zahra u ried jidhol fi Triq l-Isperanza. Huwa sporgja fit-triq gie maqbuz mill-attur, ghaddieh, dahal go vettura pparkjata, waqaf hdejh, ghamillu sinjali li kien kollox sew u baqa' sejjer.**

**Biex jevita lil konvenut, l-attur stqarr li gibed fuq ix-xellug u sab vettura pparkjata u dahal go fiha. Dan wara li halla 'brake mark' ta' dsatax-il-metru (19m) fuq art niexfa. Tenut kont tat-'thinking distance', rikjesta biex jieqaf l-attur baqa sejjer ghal certu distanza mhux hazin meta l-konvenut hareg fit-triq.**

**Hawn si tratta ta' Main Road Abuser' meta fi triq dejqa, 'one way', isuq vettura b'dik il-velocita ghax ta' bilfors kien qed b'velocita mhux konciljabbli ghal dak l-ambjent.**

**It-Tribunal huwa tal-fehma opinjoni li l-attur impona "self inflicted emergency" fuqu nnifsu li rrenditu nkapaci li jezercita kontroll ammolit fuq dak li qed jissucciedi quddiemu. Kull xufier ghandu r-responsabbilta tieghu li ma tistax tigi skarigata fuq xi terz.**

**Illi l-principju bazilari huwa dak li jimponi l-oneru tal-prova fuq dik il-parti li qed tallega. L-attur kellu jipprova li t-tort jingombri fuq il-konvenut. Fil-kaz in**

**dezamina, it-Tribunal huwa tal-fehma opinjoni li l-atturi dan id-dover ma esegwuhx.**

**Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u in vista tac-cirkustanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------